# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. MHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

### Seduta ta' Nhar il-Erbgha 9 ta' Novembru, 2016

**Rikors Numru : 622/2016JPG**
**Kawza Numru: 5**

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**VS**

**Ivan Formosa (K.I. numri 510165(M)**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-rikors tal-Bank of Valletta p.l.c. (C2833) tas-26 ta' Lulju, 2016 li jaqra hekk: Tesponi bir-rispett u Johanna Bartolo (K.I. numru 125969 (M)) ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess socjeta' attrici tikkonferma bil-gurament;

1. *"Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'erba' skritturi private, tnejn minnhom datati 21 ta' Ottubru 2010 (DOK "A" u "B"), ohra datata 10 ta' Settembru 2011 (DOK "C") u ohra datata 3 ta' Marzu 2012 (DOK "D"), is-socjeta' attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lil Ivan Formosa;*

2. *Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici tal-konvenut Ivan Formosa fis-somma ta' sitta u ghoxrin elf, sitt mija u tnejn u sittin Ewro u erbgha u erbghin centezmu (€26,662.44) bilanc ghad-debitu fil-"Loan u Overdraft Accounts" ta' Ivan Formosa mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. Dok "E, Dok "F1 sa F2", Dok "G1 sa G2", Dok "H1 sa H2" u Dok "I1 sa I3 ") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mis-16 ta' Frar 2016 sad-data ta' l-effettiv pagament;*

3. *Illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fl-iskritturi privati fuq imsemmija (u hawn eżibiti bħala Dokumenti "A", "B", "C" u "D"), partikolarment imma mhux esklussivament, billi Ivan Formosa:-*
   (a) *naqas milli jħallas il-pagamenti dovuti lis-soċjetà mittenti kif stipulat fl-imsemmija skrittura (b) kien inadempjenti f'obbligi oħra minnhom assunti fl-istess kuntratt u skrittura sopraindikati, u/jew, (ċ) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess Ivan Formosa li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibilità tal-ħlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-soċjetà attriċi.*

5. *Illi l-attrice nomine taf bil-fatti fuq imsemmija personalment.*

6. *Illi l-konvenut Ivan Formosa gie interpellat permezz ta' ittra ufficjali datata 9 ta' April 2014, li kopja taghha qed tigi hawn ezibita u mmarkata Dok. "J", sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda hawn baqa' inadampjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.*

*Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, jghid il-konvenut ghaliex m'Ghandhiex Din il-Qorti Tilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici li qeghda hawn titlob li Din il-Qorti Joghgobha:*

1. *Tiddikjara u Tiddeċiedi illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fl-iskritturi privati fuq imsemmija (u hawn eżibiti bħala Dokumenti "A", "B","C" u "D") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Ivan Falzon (a) naqas milli jħallas il-pagamenti dovuti lis-soċjetà mittenti kif stipulat fl-imsemmija skritturi, (b) kien inadempjenti f'obbligi oħra minnu assunti fl-istess skritturi sopraindikati, u/jew, (ċ) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess Ivan Formosa li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibilità tal-ħlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-soċjetà attriċi, u*

1. *Tikkundanna lil Ivan Falzon jhallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' sitta u ghoxrin elf, sitt mija u tnejn u sittin Ewro u erbgha u erbghin centezmu (€26,662.44) bilanc ghad-debitu fil-"Loan u Overdraft Accounts" ta' Ivan Formosa mal-Bank of Valletta*

*p.l.c. (Dok. "E" sa Dok "F1 sa F2", Dok "G1 sa Dok G2", Dok "H1 sa H2" u Dok "I1 sa I3") flimkien ma' l-imghax ulterjuri ms-16 ta' Frar 2016 sad-data ta' l-effettiv pagament.*

*Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 9 t'April 2014 u tal-mandat ta' Sekwestru li qed jigi pprezentat kontestwalment kontra l-konvenut li hu ngunt minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni.″*

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi fid-29 t'Awwissu, 2016;

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat illi fis-seduta tad-9 ta' Novembru, 2016 il-konvenut ammetta t-talbiet attrici hekk kif dedotti fir-rikors promotur (a fol. 1) u kkonferma bil-gurament li hallas dak kollu dovut lill-Bank attur.

Rat in-nota tas-socjeta' attrici li permezz taghha cediet is-sorte stante depozitu li sar fil-mori tal-kawza, izda zammet ferm il-kap tal-ispejjez.

Rat id-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidrat:**

**Johanna Bartolo** xehdet permezz ta' affidavit a fol. 50 illi bit-termini u l-kundizzjonijiet imsemmija f'erba' skritturi privati, tnejn minnhom datati 21 ta' Ottubru 2010, ohra datata 10 ta' Settembru 2011 u ohra datata 3 ta' Marzu 2012 is-socjeta rikorrenti ikkoncediet facilitajiet bankarji lill-intimat Ivan Formosa.

Kompliet, illi s-socjeta rikorrenti tinsab kreditrici favur tal-intimat fis-somma ta' sitta u ghoxrin elf, sitt mija u tnejn u sittin Ewro u erbgha u erbghin centezmu (€26,662.44), rapprezentanti bilanc ghad-debitu fil-Loan u Overdraft Accounts ta' Ivan Formosa mas-socjeta rikorrenti, flimkien mal-imghax ulterjuri mis-16 ta' Frar 2016 sad-data tal-effettiv pagament.

In vista tal-**ammissjoni** tal-konvenut fis-seduta tad-9 ta' Novembru, 2016 u l-hlas tas-sorte pendente litis, is-socjeta rikorrenti prezentat nota li permezz taghha cediet is-sorte ta' sitta u ghoxrin elf, sitt mija u tnejn u sittin Ewro u erbgha u erbghin centezmu (€26,662.44) stante pagament.

In vista ta' dan kollu, il-Qorti tqis illi t-talba ghall-ispejjez tal-kawza da parti tas-socjeta' rikorrenti timmerita li tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi taqta' u tiddeciedi billi tiddikjara ceduti l-ewwel u t-tieni talba attrici u tordna li l-ispejjez tal-kawza jkunu a karigu tal-intimat Ivan Formosa.

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**